MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2003

Appell Civili Numru. 36/2002/1

**Mediterranean Film Studios Limited**

**vs**

**Il-Korporazzjoni ghall-Izvilupp ta’ Malta, il-Kummissarju tal-Pulizija u l-Avukat Generali**

**Il-Qorti;**

Dan hu appell minn sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili, moghtija fl-10 ta’ Jannar, 2003 fl-ismijiet premessi li

permezz taghha dik il-Qorti, b'applikazzjoni tal-proviso tal-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u tal-proviso identiku tal-Artikolu 4(2) tal-Kap. 319 iddeklinat li tezercita s-setghat taghha dwar allegazzjoni ta' ksur ta' dritt fondamentali migjuba mis-socjeta` rikorrenti Mediterranean Film Studios Limited. Is-sentenza appellata qed tigi hawn riprodotta fl-intier taghha peress li minnha johorgu bizzejjed car il-fatti li huma l-bazi tal-kawza:

"F'din il-kawza s-socjetà rikorrenti qieghda titlob rimedju ghall-harsien tal-jeddijiet fundamentali ghal smigh xieraq u ghat-tgawdija tal-proprjetà taghha, imharsa taht l-art. 37 u 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta [il-Kostituzzjoni] u l-art. 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet u Libertajiet Fondamentali tal-Bniedem [il-Konvenzjoni]. Din is-sentenza tallum hija biss dwar l-eccezzjoni illi r-rikorrent kellha u ghandha rimedji ohra taht il-ligi ordinarja u ma kellhiex ghalfejn tmexxi bil-proceduri straordinarji tallum.

"Ir-rikors ighid illi s-socjetà rikorrenti ghandha titolu ta' kera fuq il-fond *RL5* fil-qasam industrijali fil-limiti tal-Kalkara, ghalkemm il-Korporazzjoni ghall-Izvilupp ta' Malta [KIM] qieghda twebbes rasha li tghid illi dak li qieghda thallas ir-rikorrenti bhala kera huma biss "danni pre-likwidati ghal okkupazzjoni bla titolu", meta fil-fatt ir-rikorrenti qieghda zzomm f'idejha l-fond bl-awtorizzazzjonijiet kollha mehtiega minghand il-KIM u hemm l-elementi kollha ta' kuntratt ta' kiri.

"Minghajr ma tat avviz minn qabel, u ghalkemm taf bil-kwistjonijiet legali komplessi involuti, il-KIM harget ordni ta' evizzjoni taht l-Att dwar zgumbrament minn Artijiet [Kap. 228] u l-Ordinanza dwar il-Kummissarju tal-Artijiet [Kap. 169]. Jirrizulta *ictu oculi* illi taht dawn il-ligijiet min ikun notifikat b'ordni ta' evizzjoni ma jkollu ebda jedd ghal smigh u l-ebda jedd ta' kontestazzjoni biex jaghmel prova tat-titolu tieghu, u kemm-il darba dawn il-qrati taw sentenzi li jghidu illi evizzjoni bhal din tkun spoll maghmul mill-awtoritajiet.

"L-art. 37(1)(*b*) u (*c*) tal-Kostituzzjoni ighidu illi hadd ma ghandu jigi mcahhad lanqas mill-pussess biss ta'

proprjetà sakemm ma jkunx hemm ligi specifika li tapplika ghal dak it-tehid u li tkun tipprovdi ghal access lil qorti jew tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'ligi sabiex ikun maghruf jekk dak l-individwu ghandux interess f'dik il-proprjetà jew jedd fuqha, u tipprovdi wkoll li jkun hemm *doppio esame*.

"L-art. 39(2) tal-Kostituzzjoni jghid ukoll illi "kull awtorità mwaqqfa b'ligi ghad-decizjoni dwar l-ezistenza jew l-estensjoni ta' drittijiet jew obbligi civili ghandha tkun indipendenti u imparzjali"; u li "meta l-proceduri ghal decizjoni bhal dik huma mibdija minn xi persuna quddiem qorti jew awtorità ohra gudikanti bhal dik, il-kaz ghandu jigi moghti smigh xieraq gheluq zmien ragonevoli".  Fil-kaz tallum, izda, il-ligijiet fuq imsemmija jaghtu lill-Kummissarju tal-Artijiet u lill-KIM is-setgha li jiddeciedu huma x'titolu jgawdi l-pussessur ta' l-art, u hekk jaghtuhom setgha kwazi-gudizzjarja minghajr il-garanziji ta' imparzjalità u indipendenza li trid il-Kostituzzjoni.

"Barra minn hekk, l-art. 6(1) tal-Konvenzjoni wkoll ighid illi fid-decizjoni tad-drittijiet civili u ta' l-obbligi tieghu, kulhadd ghandu jedd ghal smigh imparzjali u pubbliku fi zmien ragonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'ligi, u illi s-sentenza ghandha tinghata pubblikament.

"Ir-rikorrenti ghalhekk qieghda titlob illi din il-Qorti:

1. tghid illi ma tiswiex l-ordni ta' evizzjoni mahruga kontra taghha fit-22 t'Ottubru 2002 ghax tikser id-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti mharsa taht l-art. 37(1)(*b*) u (*c*) u l-art. 39(2) u (3) tal-Kostituzzjoni u l-art. 6(1) tal-Konvenzjoni;

2. tghid illi ma jiswiex u ma ghandu ebda setgha ta' ligi l-art. 3 tal-Kap 228 ghax jikser l-istess disposizzjonijiet tal-ligijiet li jharsu d-drittijiet fundamentali;  u

3. taghti kull rimedju iehor li jidhrilha xieraq.

“L-intimati wiegbu *inter alia* illi l-qorti ghandha taghzel illi tirrifjuta li tezercita s-setgha taghha taht il-ligijiet li jharsu d-drittijiet fundamentali ghax ir-rikorrenti ghandha rimedji ohra taht il-ligi ordinarja.  Din is-sentenza tallum hija dwar din l-eccezzjoni.

“Ir-rimedju taht il-Kostituzzjoni u taht l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea huwa rimedju straordinarju.  Dan ir-rimedju jinghata biss meta l-ligi ordinarja ma tkunx bizzejjed biex thares id-drittijiet ta’ l-individwu u ghalhekk l-istat ikun naqas fid-dmir tieghu li jhares dawn id-drittijiet. Ir-rimedji taht il-ligijiet ghall-harsien tad-drittijiet fonda-mentali jinghataw biss f’dawk ic-cirkostanzi straordinarji, u nkunu qeghdin inwaqqghu s-siwi ta’ dawk id-disposizzjonijiet jekk ninqdew bihom fejn rimedju taht il-ligi ordinarja jkun tajjeb u bizzejjed.

“Ghalhekk l-art. 46(2) tal-Kostituzzjoni ighid illi:

**46.** (2) Il-Prim’Awla tal-Qorti Civili ghandu jkollha gurisdizzjoni originali li tisma’ u tiddecidi kull talba maghmula minn xi persuna [dwar allegazzjoni ta’ ksur ta’ dritt fondamentali], u tista’ taghmel dawk l-ordnijiet, tohrog dawk l-atti u taghti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tizgura t-twettiq ta’ kull wahda mid-disposizzjonijiet ta’ l-imsemmija artikoli 33 sa 45 (maghdudin) li ghall-protezzjoni taghhom tkun intitolata dik il-persuna:

Izda l-Qorti tista’, jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk taghmel, tirrifjuta li tezercita s-setghat taghha skond dan is-subartikolu f’kull kaz meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta’ rimedju ghall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skond xi ligi ohra.

“L-istess ighid l-art. 4(2) ta’ l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea:

(2) Il-Prim’Awla tal-Qorti Civili ghandu jkollha gurisdizzjoni originali li tisma’ u tiddeciedi kull talba maghmula minn xi persuna [dwar allegazzjoni ta’ ksur ta’ dritt fondamentali], u tista’ taghmel dawk l-ordnijiet, tohrog

dawk l-atti u taghti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tizgura t-twettiq tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali li ghat-tgawdija taghhom tkun intitolata dik il-persuna:

Izda l-Qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk taghmel, tirrifjuta li tezercita s-setghat taghha skond dan is-subartikolu f'kull kaz meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju ghall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il- persuna skond xi ligi ordinarja ohra.

"Fil-fehma ta' din il-Qorti, ir-rikorrenti kellha u ghandha rimedji taht il-ligi ordinarja, u ghalhekk ma kellhiex ghalfejn tidher quddiem din il-Qorti fil-kompetenza kostituzzjonali taghha.

"L-art. 3(1) tal-Kap. 228, li tahtu nhareg l-ordni ta' evizzjoni li minnu qieghda tilmenta r-rikorrenti, ighid hekk:

**3.** (1) Il-Kummissarju, jekk fil-fehma tieghu jkun hekk mehtieg jew spedjent li jaghmel, jista' fid-diskrezzjoni assoluta tieghu jordna l-izgumbrament ta' kull persuna minn kull art li tkun okkupata minn dik il-persuna minghajr ebda titolu jew li tkun moghtija b'*encroachment* u t-tnehhija minn hemm ta' kull oggetti mobbli, fi zmien specifikat li jinghata fl-ordni u jista' ghal dak il-ghan jaghti dawk id-direttivi li fil-fehma tieghu jkunu mehtiega biex kull ordni bhal dak jigi ezegwit bl-anqas dewmien possibbli.

"Il-Kummissarju tal-Artijiet jista' jinqeda bis-setgha moghtija lilu minn dan is-sub-artikolu biss biex jordna zgumbrament minn art "li tkun okkupata … … … minghajr ebda titolu jew li tkun moghtija b'*encroachment*". Jekk il-persuna li jkollha f'idejha dik l-art ikollha titolu li jiswa fil-ligi, mela l-izgumbrament ma jkunx sar minn art "okkupata minghajr ebda titolu", u l-kummissarju jkun mexa *ultra vires*, ikun kiser il-ligi u jkun ghamel spoll.

"F'dak il-kaz min ikun sofra l-izgumbrament bi ksur tal-ligi jinghata mhux biss ir-rimedju ordinarju li taghti l-*actio spolii* ghar-redintegrazzjoni fit-tgawdija, izda wkoll ir-

rimedju tad-danni u r-rimedju taht l-azzjoni ghal stharrig gudizzjarju ta' ghemil amministrattiv ghax dak l-ghemil ikun sar bi ksur tal-ligi u jkun *ultra vires*.

"Billi ghalhekk ir-rikorrenti kellha u ghad ghandha rimedji bizzejjed taht il-ligi ordinarja, ma kellhiex ghalfejn tfittex ir-rimedju straordinarju taht dawn il-proceduri tallum biex thassar l-ordni ta' evizzjoni u l-effetti taghha.

"Ir-rikorrenti izda tghid illi, ukoll jekk ghandha rimedji taht il-ligi ordinarja biex thassar l-ordni ta' evizzjoni, huwa biss fi procedura bhal dik tallum illi setghet tikseb illi l-Qorti tghid illi l-art. 3 tal-Kap. 228 ma jiswiex u ma ghandux setgha ta' ligi, ghax huwa biss fil-kompetenza kostituzzjonali taghha illi l-Qorti tista' thassar ligi.

"Dan l-argument, izda, huwa intempestiv.

"L-azzjoni tallum ma hix *actio popularis* biex tithassar ligi ghax tmur kontra l-Kostituzzjoni; hija azzjoni taht id-disposizzjonijiet illi jharsu d-drittijiet fundamentali u min jaghmel din l-azzjoni ghandu juri interess. Jekk lir-rikorrenti jinghata r-rimedju taht il-ligi ordinarja, ma jifdlilhiex interess biex titlob it-thassir tal-ligi, u ghalhekk il-Qorti mhux biss ma tkunx tista' tilqa', izda lanqas tkun tista' tqis it-talba ghat-thassir tal-ligi.

"Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti tilqa' l-eccezzjoni li r-rikorrenti ghandha rimedji taht il-ligi ordinarja u taghzel illi ma tinqediex bis-setgha taghha taht il-Kostituzzjoni u taht l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea.

"L-ispejjez gudizzjarji ghandha thallashom is-socjetà rikorrenti."

Permezz ta' rikors ta' appell presentat fit-22 ta' Jannar, 2003, is-socjeta` rikorrenti talbet lil din il-Qorti "tichad l-eccezzjoni preliminari ta' l-intimati u terga' tibghat l-atti quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti ghas-smigh fil-meritu". L-aggravji tas-socjeta` appellanti huma bazikament erbgha, u ser jigu kkunsidrati *seriatim*. Izda qabel ma din

il-Qorti taghmel hekk, tajjeb li wiehed jirribadixxi r-*raison d'etre* taz-zewg proviso li gew applikati mill-ewwel Qorti. Kif gie diversi drabi osservat kemm minn din il-Qorti kif ukoll mill-Prim Awla tal-Qorti Civili (sede Kostituzzjonali) l-akkoljiment o meno ta' "eccezzjoni" ibbazata fuq il-proviso in kwistjoni jew addirittura l-applikazzjoni *ex officio* tal-proviso mill-Qorti hu fid-diskrezzjoni ta' l-istess Qorti. *"Il-Qorti la trid li jsiru kawzi kostituzzjonali bla htiega u lanqas tista' timpedixxi cittadin milli jippromwovi azzjonijiet simili meta jidher 'prima facie' li ghandu kaz serju li jista' jimplika ksur tad-drittijiet fondamentali tal-bniedem"* (**Oliver Siracusa noe. v. L-Onorevoli Prim Ministru noe. et,** P.A. 21/1/88, konfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fis-16 ta' Novembru, 1989; ara wkoll **Alfred Balzan v. Onor. Prim Ministru et,** P.A. 28/9/90, konfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fil-15 ta' Jannar, 1991). Fi kliem iehor, id-diskrezzjoni taht iz-zewg proviso in kwistjoni ghandha dejjem tigi wzata fl-ahjar interess ta' l-amministrazzjoni tal-gustizzja, biex min-naha l-wahda il-Prim Awla kif ukoll din il-Qorti – il-Qorti Kostituzzjonali – ma jigux inundati b'kawzi li jistghu jigu determinati minn Qrati ohra u/jew bi proceduri ohra, u min-naha l-ohra c-cittadin (jew persuna guridika, skond il-kaz) ma jigix ipprivat mir-rimedji li hu ghandu dritt ghalihom taht il-Kostituzzjoni jew taht il-Kap. 319. Dan il-hsieb gie espress bl-aktar mod car mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza taghha tal-5 ta' Dicembru, 1986 fil-kawza fl-ismijiet **Tonio Vella v. Kummissarju tal-Pulizija et** (deciza finalment mill-Qorti Kostituzzjonali fil-5 ta' April, 1991), fejn intqal hekk:

**Il-legislatur kostituzzjonali kkonferixxa lil din il-Qorti (u lil ebda persuna jew awtorita` ohra) din id-diskrezzjoni wiesgha fl-interess tal-ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja biex minn banda 'l wahda tkun tista' twaqqaf, jekk ikun hemm bzonn anke hesrem, lil min jipprova jabbuza mill-process kostituzzjonali u mill-banda l-ohra tkun tista' timpedixxi li jigu kreati ostakoli bla bzonn fit-triq ta' min ikun jidher li genwinament ikun qieghed ifittex ir-rimedju kostituzzjonali. Il-fattispeci u c-cirkostanzi partikolari kollha tal-kaz ghandhom jigu ezaminati ghaliex b'hekk biss il-Qorti tkun tista' tasal biex**

**tiddeciedi jekk ikunx desiderabbli li tiddeklina illi tezercita s-setghat taghha.**

Din il-Qorti zzid tosserva li dak li l-qorti trid tkun sodisfatta minnu hu li mezzi xierqa ta' rimedju ghall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur ir-rikorrent. Il-mezz xieraq ta' rimedju irid ikun wiehed potenzjalment effettiv – cioe` wiehed li jista', jew seta kieku gie utilizzat, adegwatament jikkompensa lill-vittma tal-ksur ghal dak il-ksur, jew li altrimenti jaghmel tajjeb ghal dak il-ksur, per ezempju billi l-att leziv jigi dikjarat null ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi b'mod li l-vittma jitqieghed fl-i*status quo ante*. Kollox jiddependi, kif inghad, fuq il-fattispeci partikolari tal-kaz.

L-ordni ta' zgumbrament meritu ta' dan il-kaz sar in virtu` tal-Artikolu 3(1) tal-Kap. 228[1], moqri dana l-artikolu flimkien mal-proviso tal-Artikolu 2 tal-Kap. 169[2]. Kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata, tali ordni jista' jinhareg biss fil-kaz ta' art okkupata "minghajr ebda titolu jew li tkun moghtija b'*encroachment*", b'mod li jekk jigi allegat li hemm xi titolu (li ma hux *encroachment*) tali ordni jista' jigi kontestat fil-qrati ordinarji u bir-rit ordinarju biex tintalab, fost affarijiet ohra, in-nullita` u l-invalidita` ta' dak l-ordni (li hija proprju l-ewwel talba tas-socjeta` rikorrenti appellanti fir-rikors promotorju taghha tal-15 ta' Novembru, 2002).

L-ewwel aggravju tas-socjeta` appellanti hu fis-sens li l-kostituzzjoni "ma tipproteggix biss it-titolu izda anke il-pussess", b'mod li jekk, kif donnha riedet tghid l-ewwel Qorti fis-sentenza taghha, is-socjeta` appellanti kellha tkun kostretta li tipprova hi li kellha titolu (f'dan il-kaz it-titolu vantat huwa wiehed ta' kera), dan ikun ifisser "taqlib ta' l-oneru tal-prova a favur il-Gvern u tfisser ghal kull buon fini t-telfien tad-drittijiet derivanti mill-pussess". Dana l-aggravju huwa nfondat u jirrazenta l-fieragh. Apparti li l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ma jipproteggix il-pussess abuziv ta' proprjeta` – haga li din il-Qorti, pero`, mhux ser tidhol fiha peress li tkun altrimenti qed tidhol fil-

---

[1] Att dwar Zgumbrament minn Artijiet.
[2] Ordinanza dwar il-Kummissarju tal-Artijiet.

meritu li baqa' ma ntmessx mill-ewwel Qorti – il-fatt li s-socjeta` appellanti jkollha tipprova hi li ghandha titolu validu ma jnaqqas xejn mill-effikacja tar-rimedju bir-rit ordinarju, cioe` r-rimedju ta' l-*actio spolii*, ta' l-azzjoni ghad-danni, u ta' l-azzjoni ghal stharrig gudizzjarju ta' ghemil amministrattiv ghax dak l-ghemil ikun sar bi ksur tal-ligi jew ikun altrimenti *ultra vires*.

Anqas ma huma fondati t-tieni u t-tielet aggravju tas-socjeta` appellanti.  Dawn l-aggravji huma fis-sens li r-rimedji (ordinarji) indikati mill-ewwel Qorti fis-sentenza taghha ma jindirizzawx l-ilmenti tas-socjeta` appellanti u li se mai jinghataw *ex post facto*, jigifieri wara li jkun diga` sar il-ksur tad-dritt jew drittijiet tas-socjeta` appellanti.  Is-socjeta` appellanti donnha qed tippretendi li l-uniku rimedju effettiv ghal-ksur vantat huwa dak kostituzzjonali; din il-Qorti, invece, taqbel perfettament ma' l-ewwel Qorti li r-rimedji indikati minnha fis-sentenza appellata huma rimedji potenzjalment effettivi w effikaci jekk jigi pruvat li s-socjeta` appellanti ghandha verament "titolu validu ta' kera" kif minnha pretiz.

L-ahhar aggravju tas-socjeta` appellanti hu fis-sens li "l-azzjoni sabiex ligi tigi dikjarata inkostituzzjonali *(sic!)* jew kontrarja ghall-Konvenzjoni Ewropea hija indipendenti minn kwalunkwe rimedju ordinarju li jista' jinghata".  Anke dana l-aggravju hu wiehed fieragh.  Kif osservat tajjeb l-ewwel Qorti fis-sentenza taghha:
**L-azzjoni tal-lum ma hix *actio popularis* biex tithassar ligi ghax tmur kontra l-Kostituzzjoni; hija azzjoni taht id-disposizzjonijiet illi jharsu d-drittijiet fundamentali u min jaghmel din l-azzjoni ghandu juri interess. Jekk lir-rikorrenti jinghata r-rimedju taht il-ligi ordinarja, ma jifdlilhiex interess biex titlob it-thassir tal-ligi, u ghalhekk il-Qorti mhux biss ma tkunx tista' tilqa', izda lanqas tkun tista' tqis it-talba ghat-thassir tal-ligi.**

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.  L-ispejjez kollha ta' dana l-appell ghandhom jigu sopportati mis-socjeta` appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------